# Qorti tal-Magistrati (Malta)

# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.

**Il-Pulizija**

**[Spettur Dorianne Tabone]**

**vs**

**Naeif Al Moutlak**

**Kumpilazzjoni Numru: 628/2021**

**Illum, sebgha (7) ta' Lulju, 2025**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuza migjuba kontra **Naeif Al Moutlak** detentur tal-karta tal-identità bin-numru 227816A akkuzat talli fix-xahar ta' Dicembru 2020 u matul ix-xhur ta' qabel gewwa dawn il-Gzejjer,

b'diversi atti maghmulin minnu wkoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. Ippartecipa f'attivitajiet sesswali ma' persuna taht is-sittax (16)-il sena u cioè Fadya Al Moutlak mwielda fl-1 ta' Jannar 2005, Refcom numru 31924;
   *Art 204C ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta*

Il-Qorti giet gentilment mitluba li f' kaz ta' htija minbarra li tinflingi l-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna lill-imemmija persuna sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-ezami tal-imputat fil-prezentata fejn huwa wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat il-fedina penali tal-imputat li hija wahda netta;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata tnax (12) ta' Ottubru, 2022 fejn fiha elenka l-Artikoli tal-Ligi li bihom jitlob li tinstab htija u cioè:-

1. Fl-artikolu 204C (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Fl-artikolu 382A, 383, 384, 385, 386, 412C u 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Fl-artikolu 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi wara li l-Artikoli gew moqrija l-imputat ma kellu l-ebda oggezzjoni li din il-Qorti tittratta u tiddeciedi dawn il-proceduri b'mod sommarju.

Rat l-atti kollha.

Rat li fis-seduta datata hamsa (5) ta' Novembru 2024 il-prosekuzzjoni strahet fuq il-provi in atti.

Semghet is-sottomissjonijiet tad-difiza.

<u>**Ikkunsidrat**</u>

Illi semghet lill-<u>Ispettur Dorianne Tabone</u> li pprezentat il-fedina penali tal-imputat, l-istqarrija tal-imputat, dikjarazzjoni rigward rifjut ghall-parir legali u dettalji personali tal-imputat. Tixhed li fis-sena 2021 irceviet rapport mill-International Protection Agency stante li din l-agenzija kellha suspett li kien hemm kaz ta' traffikar tal-persuni kif ukoll zwieg sfurzat ta' minuri. Tikkonferma li hi baghtet ghall-vittma u cioè Fadya Al Moutlak fid-dsatax (19) ta' Marzu tas-sena 2021 u fil-fatt accediet fl-ufficcju taghha flimkien mar-ragel taghha. Tramite traduttur, il-vittma spjegat lilha li hi kienet izzewget formalment wara ftehim li kien sehh gewwa s-Sirja fis-sena 2019 bejn il-familjari taghha u tar-ragel ossija l-imputat odjern. Tkompli tghid li l-vittma stqarret li mis-Sirja huma marru t-Turkija, mit-Turkija sal-Grecja u eventwalment Malta fejn izzewget ta' sittax (16)-il sena quddiem l-Imam. Tkompli tixhed li meta hi kellmet lill-vittma hi kienet waslet Malta fis-sena 2020 u meta kellmitha hija digà kellha seba' (7) xhur tqala b'tarbija. Tikkonferma li l-vittma ghalqet sittax (16)-il sena f'Jannar tas-sena 2021 u kien ghalhekk li l-koncepiment tat-tarbija sehhet meta l-vittma kellha hmistax (15)-il sena. Tikkonferma li l-vittma qaltilha li ma kinitx sfurzata biex tizzewweg u kienet kuntenta hafna mal-akkuzat. Tkompli tixhed li hi kellmet lill-akkuzat u kienet anke haditlu l-istqarrija fejn hu kkonferma l-verzjoni tal-vittma u

kkonferma li t-tarbija li kienu qeghdin jistennew kienet tieghu. Tikkonferma wkoll li l-partijiet kienu jafu li f'Malta ma jistax ikollok x'taqsam sesswalment ma' persuna taht is-sittax (16)-il sena.

Illi semghet lil <u>Dr Roberta Buhagiar</u> li tghid li fiz-zmien li sehh l-allegat reat kienet Kummissarju ghar-Refugjati kif ukoll Kap Ezekuttiv tal-Agenzija ghall-Protezzjoni Internazzjonali u dan minn Ottubru 2019 sa Novembru tas-sena 2021. Tixhed li fid-dsatax (19) ta' Dicembru 2020 kienet l-ufficcju meta l-impjegati taghha gibdulha l-attenzjoni li kien hemm ragel li gie biex jitlob dokument partikolari ghal tfajla ta' hmistax (15)-il sena. Tikkonferma li l-impjegati taghha digà kienu jafu b'din it-tfajla stante li kienet accediet gewwa l-ufficini taghha f'Settembru tas-sena 2020 biex titlob ghall-azil u fil-fatt kien inhareg dokument li jissejjah personal details form. Tixhed li dan ir-ragel li gie l-ufficcju kien fil-fatt l-akkuzat u li hu beda jispjega li t-tfajla ta' hmistax (15)-il sena kienet martu, li kienet erba' (4) xhur tqila u ma kinitx akkumpanjata mill-genituri taghha. Stante dan kollu l-ufficcju taghha wettaq referral lill-AWAS filwaqt li anke kkomunika mal-Kummissarju tal-Pulizija.

Illi semghet lil Patrick Bugeja ghan-nom u inrapprezentanza tal-Identità. Ix-xhud ipprezenta vera kopja tal-file tal-akkuzat kif ukoll zewg (2) applikazzjonijiet ghal International Protection.

Illi semghet lil PS 717 Stephen Grima li jikkonferma l-istqarrija tal-akkuzat minn fol. 12 sa 13 tal-atti processwali kif ukoll ir-rifjut tal-jedd ghall-assistenza legali a fol. 14 tal-atti processwali. Jikkonferma li hu gharaf lill-akkuzat.

Semghet ukoll lill-allegata vittma Fadya Al Moutlak li kkonfermat li l-akkuzat huwa zewgha u li dan iz-zwieg sehh fis-sena 2019 quddiem l-Imam gewwa s-Sirja u dan wara ftehim li sehh bejn il-familjari taghha u tal-akkuzat. Tikkonferma li hi u l-akkuzat ghadhom flimkien u ghandhom zewgt (2) itfal bejniethom. Tikkonferma li stante li hi u l-akkuzat huma mizzewgin hi tixtieq twaqqaf il-proceduri odjerni u ma tixtieqx tixhed fil-konfront tal-istess akkuzat.

Illi semghet lill-Imam Mohammad Elsadi li jghid li c-Centru Izlamiku jimxi fuq il-ligi Musulmana u mhux fuq dik nazzjonali. Jixhed li fil-ligi Musulmana ma hemmx limitu f'etajiet ghal min jista' jizzewweg. Fil-fatt hemm certu pajjizi li jipprattikaw ir-

religjon Musulman bhal Iran fejn persuna ta' tlettax (13)-il sena tista' tizzewweg. Fil-kaz tas-Sirja persuna tista' tizzewweg ta' tmintax (18)-il sena izda l-ezenzjoni hija meta jintalab permess mill-Qorti b'talba mill-missier tat-tfajla. Jikkonferma li huwa accetta li l-partijiet jizzewgu quddiem l-Imam u mbaghad tintalab rikonoxximent f'Qorti Musulmana.

Illi semghet lil <u>Marthese Farrugia Turban</u> fil-kwalità taghha bhala Professional Officer il-Marriage Registry li tghid li kull zwieg li jsir Malta jrid ikun skont ir-regolazzjonijiet tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta. Tixhed li kull persuna tista' tigi l-ufficcju taghha u tirregistra zwieg ta' diversi tipi ta' religjonijiet inkluz dak Musulman izda dan irid isehh bil-prezentazzjoni ta' certu dokumenti rikjesti mill-istess ligi. Tixhed li jekk persuna tispjegalha li hija persuna protetta allura hi titlob in-numru tal-IPA (gia Refcom) minghand dik il-persuna u l-importanti ghaliha li jkollha f'idejha dokumenti li juru li dik il-persuna ghandha l-kapacità biex tidhol fiz-zwieg. Tispjega li f'kaz ta' tfajla ta' sbatax (17)-il sena jekk din tixtieq tirregola u tirregistra z-zwieg taghha hi jkollha bzonn il-kunsens taz-zewg (2) genituri taghha. Jekk dan huwa monk allura t-tfajla tista' tirrikorri ghall-Qorti Civili (Sezzjoni ta' Gurisdizzjoni Volontarja). Izzid tghid li hi jkollha bzonn ukoll

dokumenti li juru li z-zwieg sehh barra minn Malta. Prova tal-kunsens hija necessarja anke jekk iz-zwieg sehh barra minn Malta. Dan il-kunsens jigi ddikjarat tramite formola quddiem Kummissarju bis-setgha li jaghti l-guramenti.

Illi semghet lill-<u>Ispettur Dorianne Tabone</u> inkontroezami li tghid li Fadya Al Moutlak dejjem sahqet li kienet ilha mizzewga mis-sena 2019 stante ftehim bejn il-familja taghha kif ukoll tal-akkuzat. Tixhed li l-vittma kienet spjegatilha li kienu anke zzewgu quddiem l-Imam gewwa Malta izda ma kinitx tatha d-data. Tikkonferma li l-vittma stess kienet qaltilha bid-data tat-twelid taghha stess. Tixhed li kull ma kellha f'idejha kienet karta mahruga mir-Refugeee Commission li tkun giet iddikjarata mill-vittma stess.

Illi semghet lil <u>Dr Roberta Buhagiar</u> inkontroezami li tghid li stante li l-minorenni ghamlet dikjarazzjoni li hija mizzewga u ma pprovdietx dokumenti izda xorta wahda saret referral lill-AWAS. Izzid tghid li l-minorenni wettqet din id-dikjarazzjoni sabiex timla dettalji personali tal-applikazzjoni ghal appuntament ghall-azil. Tixhed li l-appuntament ghall-applikazzjoni ghall-azil ma sehhx fir-rigward tal-minuri stante li kienet ghadha taht l-età. Tkompli tghid li meta persuna tiddikjara li hija mizzewga normalment

jintalab l-informazzjoni fuq ir-ragel. Tixhed li bhala agenzija mhuwiex il-kompitu taghhom li jaraw il-vadilità o meno tad-dikjarazzjoni li persuna hija mizzewga izda hija prassi li meta persuna minorenni timla l-applikazzjoni il-kaz ta' dik il-persuna tigi riferuta lill-AWAS sabiex jigi appuntat kuratur legali. Tikkonferma li hemm anomalija bejn il-ligi tal-azil u l-ligi Maltija stante li d-Direttivi tal-Ewropa jaccettaw iz-zwieg ta' minuri filwaqt li l-Att Dwar iz-Zwieg ma jirrikonoxxix tali zwieg. Tghid li fil-formola tad-dettalji personali ma jigix mistoqsi jekk persuna hiex mizzewga izda dawk id-dettalji jingabru fi stadju ulterjuri.

Illi semghet lil <u>Clayton Xuereb</u> ghan-nom u inrapprezentanza tal-AWAS. Jikkonferma li huwa s-CEO tal-AWAS u ilu jokkupa tali kariga ghal disa' (9) xhur. Jikkonferma li Fadya Al Moutlak giet Malta fis-sena 2020 bhala separated child u kellha protezzjoni gewwa l-Grecja. Jispjega li stante li giet Malta mar-ragel taghha ma taqax taht il-klassifika ta' unaccompanied minor izda bhala separated child. Jikkonferma li bhala Agenzija huma skedaw access sabiex jivverifika l-kundizzjoni tal-minuri flimkien mal-akkuzat.

Illi semghet lil <u>Anne Marie Pisani</u> ghan-nom u inrapprezentanza tal-AWAS li tghid li Fadya Al Moutlak giet riferuta mill-IP.

Tikkonferma li hi waslet f'Malta fit-tmintax (18) ta' Lulju 2020. Izzid tghid li giet Malta wahedha stante li r-ragel taghha kien digà Malta. Tikkonferma li Fadya Al Moutlak kellha protezzjoni gewwa l-Grecja u kienet applikat ghall-azil gewwa Malta u kien minhabba l-fatt li hija minorenni li giet riferuta lill-AWAS. Tikkonferma li d-data tat-twelid ta' Fadya Al Moutlak kienet l-ewwel (1) ta' Jannar 2005 u dan anke wara li sehh l-assessjar tal-età mic-Child Protection Services. Tixhed li minhabba l-fatt li harget ordni ta' supervizjoni l-AWAS kienet ghamlet spezzjoni fid-dar ta' Fadya sabiex janalizzaw f'liema ambjent qieghda tghix fih. Il-haddiema socjali li marru setghu jindunaw li Fadya kellha seba' (7) xhur tqala filwaqt li infurmathom li hi u r-ragel kienu zzewgu gewwa l-Moskea ta' Malta izda ma kienx hemm certifikat taz-zwieg min-naha tal-istess Moskea. Tikkonferma li Fadya Al Moutlak ma kinitx infurmat lill-AWAS li kienet mizzewga fis-Sirja. Tikkonferma wkoll li certifikat taz-zwieg qatt ma gie mghoddi lill-AWAS filwaqt li l-minuri qalet li kienet ilha mizzewga ghal madwar tmien (8) xhur.

Illi semghet lil **Sara Ezabe** ghan-nom u inrapprezentanza tal-International Protection Agency Refugee Commission. Tikkonferma li l-vittma minuri applikat mal-agenzija fil-wiehed (1) ta' Settembru 2022 u fil-fatt ghandha protezzjoni internazzjonali

mill-Grecja u kien ghalhekk li l-applikazzjoni giet klassifikata bhala inamissibbli. Dan il-fatt gie kkonfermat mit-Tribunal ghal Internazzjoni tal-Protezzjoni fl-erbgha (4) t'Ottubru tas-sena 2022. Tikkonferma wkoll li hi giet akkumpanjata mill-haddiem socjali Rasio Lopez Carmona. Tkompli tixhed li l-vittma minuri infurmatha li hi kienet mizzewga lil Naeif Al Moutlak fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Lulju tas-sena 2020 gewwa Rahal Gdid, Malta. Infurmatha wkoll li l-minuri ghandha zewgt (2) itfal li twieldu gewwa Malta. Ix-xhud ipprezentat kopja tal-file tal-vittma minuri kif ukoll tal-akkuzat immarkati rispettivament bhala Dok. SB1 u Dok. SB2.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi r-reat li bih huwa addebitat l-akkuzat huwa r-reat ta' partecipazzjoni f'attivitajiet sesswali ma' persuni taht l-età tas-sittax (16)-il sena kif ikkontemplat bl-Artikolu 204C(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid hekk:

> *"Kull min jippartecipa f'attivitajiet sesswali ma' persuna ta' taht is-sittax-il sena jehel, meta jinstab hati, il-piena ta' prigunerija minn hames snin sa ghaxar snin."*

Illi mill-atti jirrizulta li l-imputat u l-vittma minuri ghandhom zewgt (2) itfal. Oltrè minn hekk referenza qieghda ssir ghax-xhieda tal-vittma stess li tikkonferma li z-zwieg ta' bejn il-partijiet sar bil-kunsens taghha.

Illi *di più*, din il-Qorti ghandha f'idejha l-istqarrija tal-imputat esebita a fol. 12 *et sequitur* tal-atti processwali. Il-Qorti tinnota li l-imputat di fatti ammetta ghar-reat li bih jinsab akkuzat. Referenza qieghda ssir a fol 13 tal-atti processwali:

*"M: Inti taf kemm ghandha zmien il-mara tieghek?*

*T: Iva naf, meta zzewwigna kellha hmistax-il sena u xi haga.*

*...*

*M: Inti f'Malta taqqalta jew kontu ghadkom barra minn Malta?*

*T: F'Malta."*

Illi ghalhekk fl-istqarrija tieghu datata dsatax (19) ta' Marzu tas-sena 2021, l-imputat jammetti li kien ippartecipa f'attivitajiet sesswali ma' persuna taht l-età tas-sittax (16)-il sena u cioè ma' Fadya Al Moutlak. Illi jirrizulta wkoll illi din l-istqarrija ttiehdet

minghajr minacci jew theddid u wara li nghata d-dritt li jikkonsulta ma' avukat ta' fiducja tieghu, huwa rrinunzja ghal tali dritt.

Illi dejjem gie ritenut mill-Qrati taghna illi l-istqarrija hija kkunsidrata bhala prova regina, jekk mehuda kif suppost fosthom fil-kawza **Charles Steven Muscat vs Avukat Generali** (dec 11/4/2011 u 12/4/2011) fejn il-Qorti tal-Appell iddecidiet issegwenti:

> *"Din il-Qorti mhijiex ser tiddeciedi l-kwistjoni mill- aspett kostituzzjonali izda sejra taghmel is-segwenti osservazzjonijiet. Fil-kaz in ezami, l-appellata kienet mgharrfa bil-jedd taghha li tibqa' siekta u ma twegibx ghall-mistoqsijiet li jsirulha mill-ufficjal investigatur. Ma jirrizultax li kellha esperjenzi ohrajn ta' interrogazzjonijiet mill-Pulizija qabel dan, izda l-ghazla li twiegeb jew ma twegibx setghet taghmilha bla konsegwenzi ta' xejn u ghalhekk tali ghazla ghamlitha b'liberta' shiha. ... Gialdarba d-difiza ma kenitx qed tikkontesta l-volontarjeta ta'l-istqarrija, huwa kontrosens illi tippretendi illi l-istqarrija tigi skartata fuq il-bazi unika li l-appellata ma kellhiex assistenza legali. L-istqarrija jew saret b'mod*

*volontarju jew le. U hawn tali volontarjeta ma gietx messa in diskussjoni. Konsegwentement in vista tal-fatt li ma hemm l-ebda kontestazzjoni dwar il-volontarjeta ta'listqarrija ta'l- appellata, f'dan il-kaz tali stqarrija hi prova valida u ammissibbli."*

Illi *di più*, din il-Qorti thoss li ghandha tidhol fil-kwistjoni tal-ammissibilità tal-istqarrija u dan minhabba zviluppi li saru wara fejn is-suspettat ghandu dritt li jkollu avukat prezenti anke mill-bidu tal-investigazzjoni.

Illi jirrizulta li f'dan il-kaz l-imputat odjern inghata d-dritt li jikkonsulta ma' avukat ta' fiducja tieghu izda li hu rrinunzja ghal tali dritt (fol. 14 tal-atti processwali).

Illi l-Qrati taghna kif ukoll dawk tal-Unjoni Ewropea mhux dejjem kienu konkordanti fuq dan il-punt. Waqt li kollha jaqblu illi stqarrija minghajr l-ebda wahda mill-kawteli prezenti tirrizulta ghall-inammissibilità tal-istqarrija mhux tal-istess parir meta d-dritt tal-avukat inghata izda mhux tal-prezenza tal-avukat waqt l-istqarrija.

Illi f'dan ir-rigward issir riferenza ghall-insenjament tal-Grand Chamber tal-Qorti Ewropea f'**<u>Beuze vs. Belgium</u>** (dec 9/11/2018 - 71409/10) fejn tenniet is-segwenti:

> *"In the light of the nature of the privilege against self-incrimination and the right to remain silent, the Court considers that in principle there can be no justification for a failure to notify a suspect of these rights. Where a suspect has not, however, been so notified, the Court must examine whether, notwithstanding this failure, the proceedings as a whole were fair. Immediate access to a lawyer able to provide information about procedural rights is likely to prevent unfairness arising from the absence of any official notification of these rights. However, where access to a lawyer is delayed, the need for the investigative authorities to notify the suspect of his right to a lawyer, his right to remain silent and the privilege against self-incrimination takes on particular importance (see Ibrahim and Others, cited above, § 273, and case-law cited therein).'"*

Illi f'dan il-kuntest referenza ssir ukoll ghal kaz iehor bl-ismijiet **Farrugia vs. Malta** (dec 4/6/2019 - 63041/13) fejn il-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem segwiet l-insenjament tal-*Grand Chamber* f'Beuze. Fil-kaz **Farrugia v. Malta**, il-Qorti Ewropea kellha l-opportunità li tezamina s-sistema Maltija fejn sabet li s-sistema nostrana tissodisfa t-test tal-*overall fairness*.

Ghalhekk, l-enfasi tal-Qorti Ewropea hija diretta lejn l-overall fairness of the proceedings u din giet imfissra illi:

> *"'While very strict scrutiny must be applied where there are no compelling reasons to justify the restriction on the right of access to a lawyer, the Court, in the specific circumstances of the case, finds that having taken into account the combination of the various above-mentioned factors, despite the lack of procedural safeguards relevant to the instant case, the overall fairness of the criminal proceedings was not irretrievably prejudiced by the restriction on access to a lawyer.'"*

Decizjoni tal-Qorti Ewropea aktar ricenti minn ta' Farrugia u li ghal darb'ohra tanalizza s-sistema li kienet vigenti qabel dahal id-dritt

ta' assistenza legali fil-kuntest ta' interrogazzjoni fil-ligi nostrana hija dik bl-ismijiet <u>**Mark Charles Kenneth Stephens vs. Malta**</u> (dec 14/1/ 2020). F'din l-ahhar sentenza gie ritenut hekk:

*"'However the Court notes that the non-observance of one of the minimum rights guaranteed by Article 6 § 3 will not lead to an automatic violation of that provision (see, for example and by implication, Ibrahim and Others v. the United Kingdom [GC], nos. 50541/08 and 3 others, 13 September 2016, and Schatschaschwili v. Germany [GC], no. 9154/10, ECHR 2015). The fairness of a criminal trial must be guaranteed in all circumstances. However, what constitutes a fair trial cannot be the subject of a single unvarying rule but must depend on the circumstances of the particular case. The Court' s primary concern, in examining a complaint under Article 6 § 1, is to evaluate the overall fairness of the criminal proceedings (see, among many other authorities, Beuze v. Belgium, [GC], no. 71409/10, §§ 120, 9 November 2018 and the case-law cited therein.*

*...*

*Particularly relevant to the present case, the Court observes that in the recent Beuze judgment, the Grand Chamber departed from the approach taken in previous cases that systematic restrictions on the right of access to a lawyer led, ab initio, to a violation of the Convention (see, in particular, Dayanan v. Turkey, no. 7377/03, § 33, 13 October 2009, Boz v. Turkey, no. 2039/04, § 35, 9 February 2010, and Borg, cited above, § 62). In Beuze, the Grand Chamber gave prominence to the examination of the overall fairness approach and confirmed the applicability of a two stage test, namely whether there are compelling reasons to justify the restriction as well as the examination of the overall fairness and provided further clarification as to each of those stages and the relationship between them.'"*

Illi *di più* hu kien inghata d-dritt li jikkonsulta ma' avukat ta' fiducja tieghu izda hu rrifjuta dan id-dritt. Irrizulta wkoll illi l-imputat fl-istadju tal-istqarrija ammetta li kien ippartecipa f'attivitajiet sesswali ma' persuna taht l-età tas-sittax (16)-il sena. Oltrè minn hekk l-imputat nghata kull opportunità li jressaq id-difiza tieghu bl-akbar mod possibbli.

Illi ghalhekk din il-Qorti thoss li l-overall fairness rikjest mis-sentenzi citati hawn fuq gie rispettat fit-totalità tieghu. Ghalhekk tqis li l-istqarrija moghtija f'din l-investigazzjoni ghandha tkun ammissibbli bhala prova.

Illi tenut kont ta' dan kollu, din il-Qorti m'ghandhiex ghazla ghajr li ssib lill-imputat hati tal-akkuza kif dedotta kontrih.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi d-difiza ressqet lill-Imam Mohammad Elsadi bhala xhud. Skont l-istess xhud din ir-relazzjoni bejn il-partijiet hija rikonoxxuta fis-sistema tal-Ligi ta' Sharia.

Illi hija l-fehma ta' din il-Qorti li huwa minnu li digrieti li jinghataw minn qrati li joperaw bis-sistema legali ta' Sharia huma rikonoxxibbli fir-Repubblika ta' Malta (bhal per ezempju divorzji), però referenza qieghda ssir ghall-Artikolu 3 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta:

> *"(1). Kull reat inissel azzjoni kriminali u azzjoni civili.*

*(2) L-azzjoni kriminali titmexxa quddiem il-qrati ta' gurisdizzjoni kriminali, u biha tintalab piena kontra l-hati.*

*(3) L-azzjoni civili titmexxa quddiem il-qrati ta' gurisdizzjoni civili, u biha jintalab il-hlas tal-hsara li ssir bir-reat."*

Illi dan l-artikolu juri bic-car id-delineazzjoni bejn id-dinja tal-kamp civili kif ukoll dik kriminali. Iregi allura li minkejja li jaf ikun il-kaz li z-zwieg mertu ta' dawn il-proceduri huwa validu f'ghajnejn il-ligi civili dan ma jipprekludix lill-Qrati kriminali nostrani milli jsibu l-htija. Li kieku din il-Qorti kellha tinjora kwalunkwe penali kriminali abbazi tal-Ligi ta' Sharia allura jfisser li kull obbligu li cittadin jista' jkollu biex jaderixxi ruhu mal-ordni pubbliku jista' jigi skartat. Dan zgur mhuwiex mod kif demokrazija fis-seklu wiehed u ghoxrin (21) fi hdan l-Unjoni Ewropea ghandha topera.

Illi minkejja li mhuwiex kompitu ta' din il-Qorti sabiex tiddikjara jekk id-dritt taz-zwieg f'dan il-kaz huwiex applikabbli jew le xorta wahda l-istess Qorti thoss li referenza ghandha ssir ghal dak li jghid l-Artikolu 12 tal-Konvenzjoni tad-Drittijiet Umani:

*"Men and women of marriageable age have the right to marry and to found a family, according to the national laws governing the exercise of this right."*

Illi dan id-dritt sagrosant ma huwiex wiehed minghajr ebda limiti u dan anke skont kif tistipula l-Qorti Ewropea fis-sentenza **Z.H. and R.H. v. Switzerland** deciza fit-tmienja (8) ta' Dicembru tas-sena 2015:

*"The Court does not see any reason to depart from the findings of the FAC in this respect. Article 8 of the Convention cannot be interpreted as imposing on any State party to the Convention an obligation to recognise a marriage, religious or otherwise, contracted by a 14-year-old child. Nor can such obligation be derived from Article 12 of the Convention, which reads as follows: "[m]en and women of marriageable age have a right to marry and found a family, according to the national laws governing the existence of this right".* ***Article 12 expressly provides for regulation of marriage by national law, and given the sensitive moral choices concerned and the importance to be attached to the protection of children and the fostering***

> ***of secure family environments, this Court must not rush to substitute its own judgment in place of the authorities who are best placed to assess and respond to the needs of society***[1] *(see B. and L. v. the United Kingdom, no. 36536/02, § 36, 13 September 2005).”*

Illi din is-sentenza ggorr portata kbira li fil-fehma ta’ din il-Qorti hija applikabbli ghal kaz *de quo*. Hija ghalhekk il-fehma ta’ din il-Qorti li, minkejja li tapprezza l-fatt li l-partijiet kollha jidhru kuntenti bis-sitwazzjoni taghhom, xorta wahda ghandu jintbaghat messagg lis-socjetà fis-sens li zwieg f’sitwazzjonijiet simili li ghandha quddiemha din il-Qorti ghandhom kemm jista’ jkun jigu evitati.

Illi *di più* referenza qieghda ssir ghall-artiklu miktub minn certu B. van der Sloot intitolat *“Between Fact and Fiction: an Analysis of the Case Law on Article 12 ECHR”* ippubblikat fil-gurnal *“Child and Family Law”* fis-sena 2014 jinghad hekk:

[1] Emfazi tal-Qorti

*"Article 16 UDHR[2] provides additional protection to women. Not only does it mention that men and women can equally rely on the two rights enshrined in Article 16 UDHR, it also suggests that marriage can only be concluded under the free and full consent of both partners. The logic behind these clauses is prevention of 'any compulsion by the parents, by the other spouse, by the authorities, or anyone else'. The article explicitly opposed the widespread practice of forced marriages of women and girls. The words 'full age' in paragraph 1 should be interpreted along this line, suggesting a minimum age at which one can legally give 'free and full consent'. 'From the travaux préparatoires, it is apparent that this clause was designed to prevent child marriages, as further shown by the use of the phrase "men and women".'*
*The use of the term 'men and women' suggests that they have reached the state of maturity."*

Illi intant referenza qieghda ssir ghall-Artikolu 3 tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta li jistipula hekk:

[2] *"Universal Declaration of Human Rights"*

> *"Zwieg li jsir bejn persuni li wahda minnhom tkun taht l-età ta' sittax-il sena jkun null."*

Illi huwa evidenti mill-atti li z-zwieg sehh meta l-vittma minuri kellha hmistax (15)-il sena u li meta kellha l-ewwel wild mill-imputat l-istess minuri kellha sittax (16)-il sena u allura, intant din il-Qorti tifhem li l-partijiet qeghdin f'relazzjoni kunsenswali u stabbli tant li ghandhom zewgt (2) itfal.

Illi tenut kont ta' dan kollu il-Qorti hija tal-fehma li piena karcerarja zgur m'ghandux ikun il-mezz ta' kif din il-Qorti ghandha taghti messagg lis-socjetà fuq sitwazzjonijiet li ghandha quddiemha ghaliex jekk ma ticcensurax dan l-agir aktar jinghata lok ghall-abbuz tas-sistema. Ghalhekk il-Qorti sejra tqis dan kollu fil-piena u filwaqt li ssib lill-imputat hati tal-akkuza kif dedotta ser tapplika l-provvedimenti tal-Artikolu 7(2) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi a rigward l-applikabilità o meno tal-Artikolu 21 tal-Kodici Kriminali, il-Qorti qieghda minn issa tiddikjara li tali dispozizzjoni mhix sejra tigi applikata u dan stante li c-cirkostanzi tal-kaz de quo ma jilhqux cirkostanzi specjali u straordinarji. Dan gie anke

ritenut fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Mohamed Awad** datata disgha u ghoxrin (29) t'April 2025. Tali sentenza, li tittratta fuq fatti similissimi ghal kaz odjern, tghid hekk:

*"L-artikolu 21 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li ghal ragunjijiet specjali u li ghandhom jissemmew bir-reqqa kollha fis-sentenza abbazi ta' liema l-Qorti tista` taghti pieni taht il-minimum stabbilit mill-Ligi. L-esponenti jirreferi ghal gurisprudenza ta' bilhaqq kopjuza ta' din l-Onorabbli Qorti, li nvarjabbilment irriteniet illi biex Qorti tkun tista` tapplika dan l-artikolu, irridu ta' bilhaqq jikkonkorru cirkostanzi specjali u straordinarji, u li l-Qorti, fis-sentenza taghha, trid mhux biss tindika dawn ic-cirkostanzi, izda tidhol fihom bir-reqqa. Il-Qorti tal-Appell Kriminali taghmilha cara daqs il-kristall li dan l-artikolu ghandu jigi nterpretat b' mod ristrettiv, tant li cirkostanzi bhal ammissjoni bikrija, koperazzjoni mal-Pulizija, konformita` mal-ligi wara r-reat, tnehhija ta' l-illegalita` wara li jkun ikkunsmat ir-reat, eccetera, nvarjabbilment gew ritenuti li ma jammontawx ghal*

*cirkostanzi specjali u straordinarji ai termini ta' dan l-artikolu.*

*Illi hawn hekk ma hiex biss kwistjoni jekk ic-cirkostanzi kif imsemmija fis-sentenza dwar il-fatt li l-appellant izzewweg l-allegata vittma humiex cirkostanzi specjali u straordinarju ghaliex din il-Qorti ghandha tinzel taht il-minimu izda jekk l-Ordni tal-Probation setghetx tinghata ghal reat fejn il-piena massima tieghu hija ta' ghaxar snin. Meta l-legislatur introduca dan l-artikolu 7 tal-Kap 446 ta' qis li r-reat li bih ikun gie akkuzat bniedem ma jistax ikollu piena in eccess ta' sebgha snin u pprovda biss gharreat ut sic. Fis-sens li jekk ir-reat igib piena li tkun in eccess ta' sebgha snin allura lprovidment tal-artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta huwa awtomatikament mhux applikabbli.*

*Pero taht l-artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta l-legislatur pprovda cirkostanza ta' diskrezzjoni ghall-applikazzjoni ta' dan il-provediment basta il-piena ma teccedix ghaxar snin u r ragunijiet jissemmew fis sentenza.*

*...*

*Din il-Qorti ezaminat bir-reqqa is-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti u rat li stante li fl-ewwel lok ir-relazzjoni bejn l-appellant u l-vittma kienet wahda konsenswali li illum l-appellant hu mizzewweg skond ir-rit Musulman lill-allegata vittma, dawn qeghdin f'relazzjoni stabbli u ghandhom zewgt itfal in komuni u ghalhekk ma jkunx fl-interess la tal-partijiet u lanqas tas-socjeta in generali li l-appellant jintbaghat il-habs u kien ghalhekk li applikat l-proviso tal-provediment 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta."*

Illi din il-Qorti sejra taghmel taghha r-ragunament ta' din is-sentenza sucitata u tapplikaha inkwantu tal-piena.

Illi stranament minkejja li fl-akkuza originali hemm referenza li juri att kontinwat abbazi tal-Artikolu 18 tal-Kodici Kriminali dan l-istess artikolu huwa monk fin-nota tal-Avukat Generali a fol. 83 tal-atti processwali. Huwa ghalhekk li l-Qorti mhix sejra tqis dan l-Artikolu fil-piena.

## Ikkunsidrat

Illi referenza qieghda ssir ghall-proviso tal-Artikolu 6(1)(a) tal-Kapitolu 518 tal-Ligijiet ta' Malta li tistipual hekk:

> *"Persuna tkun soggetta ghall-htigiet ta' notifikazzjoni taht dan l-Att ghaz-zmien imsemmi fl-artikolu 7 ("perjodu ta' notifikazzjoni") jekk dik il-persuna -*
>
> *(a) tinstab hatja ta' reat skedat:*
>
> ***Izda l-Qorti tista', jekk jidhrilha li jkun hekk xieraq, tiddeciedi li ma tissoggettax persuna ghall-htigiet ta' notifikazzjoni jekk, fl-opinjoni tal-Qorti, il-kaz ikun hekk jitlob***[3]*;"*

Illi tali dispozizzjoni sejra tigi applikata tenut kont tal-fatti partikolari ta' dan il-kaz kif ukoll sabiex l-akkuzat ma jkollu ebda xkiel milli jaqdi l-obbligi tieghu fir-rigward it-tfal tieghu.

## Decide

[3] Emfazi ta' din il-Qorti.

Ghal dawn il-motivi wara li rat l-Artikolu 204C (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat **Naeif Al Moutlak** hati tal-akkuza kif dedotta kontrih u minflok tinfliggi piena tpoggih taht Ordni ta' Probation taht l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta ghal tliet (3) snin u liema ordni ghandha tifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Finalment il-Qorti spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

---------------------------------------------

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**